MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Numru. 216/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Hersey**

**vs**

**Abdulhakeem Al Wohoub**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Abdulhakeem Al Wohoub ta’ 36 sena, bin Abdulazziz u Amena, imwieled is-Sirja fit-23 ta’ Lulju 1975 u residenti Marsascala gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fix-xhur ta’ qabel l-24 ta’ Jannar 2011, bhala persuna illi nizlet jew telqet minn Malta, ghamel jew gieghel illi jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’

fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(C) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe', 'Residence Permit' nru: GR1754780, u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Jannar 2011 (esebit a fol.4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Frar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi

migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tnax(12)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------